MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 48/2012

**Carmel Spiteri (karta tal-identita' numru 188954M), Rose Mary Spiteri (karta tal-identita' numru 203349M) u Maria Concetta Spiteri (karta tal-identita' numru 55826M)**

**vs**

**Catherine Spiteri (karta tal-identita' numru 55719M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-fond 10, Triq San Pawl, Luqa kien mikri lil Catherine Spiteri versu il-kera ta' €185 fis-sena u ilu mikri sa minn qabel 1 ta' Gunju, 1995. L-intimata qed tiddesposita l-kera fil-Qorti – Dok A. Ic-cedola ta' depositu li pprezentat qeghda fuq isimha u tindika li hi hija l-inkwilina attwali;

Illi, madankollu, Catherine Spiteri ilha rikoverata f'dar tal-anzjani (Villa Robinich - Paola) ghal aktar minn sena (circa erba' snin) u l-istess Catherine Spiteri hija dipendenti permanentament fuq tali istituzzjoni; dan l-ahhar giet ukoll rikorverata minhabba raguinijiet ta' sahhab ewwa l-isptar Karen Grech;

Illi ma kien hemm u ma hemm hadd li jikkwalifika skont il-ligi sabiex ikompli il-kirja – u ghalhekk japplika dak li jirrizulta mill-Art 1555A(2) tal-Kodici Civili;

Ghaldaqstant previa id-dikjarazzjoni li l-fond, gia 26, Triq San Pawl, Luqa ilu ma jintuza ghal aktar minn sena u previa d-dikjarazzjoni li l-intimata ilha rikoverata f'dar tal-anzjani (Villa Robinich - Paola) ghal circa erba' snin u li l-istess Catherine Spiteri hija dipendenti permanentement fuq tali istituzzjoni; u previa d-dikjarazzjoni li ma hemm hadd li jikkwalifika skont il-ligi sabiex ikompli l-kirja, tordna li l-kuntratt ta' kiri tal-fond de quo jigi xolt u tordna lill-intimata tizgombra mill-fond de quo u tirrotorna il-pussess vakant tal-istess fond lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunata ghas-subizzjoni.

Ra l-ammissjoni tal-intimata kif registrata fis-seduta tal-lum kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-partijiet li l-intimata ghandha tinghata zmien xahar sabiex tirritorna l-pussess vakanti tal-fond in mertu;

Ghal dan il-Bord filwaqt illi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti qed jipprefigi zmien xahar (1) mil-lum sabiex l-intimata tizgombra mill-fond in kwistjoni u tirritorna l-pussess vakanti tieghu lir-rikorrenti;

Fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz u stante qbil bejn il-partijiet, l-kawza ghandha tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------